



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11652/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0221(NLE)

MAMA 110
MED 17
EG 1

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 382 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fil-programmi tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 382 final.

Mehmuż: COM(2023) 382 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.7.2023
COM(2023) 382 final

2023/0221 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fil-programmi tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra¹, ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004.

Il-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004 laqa' b'mod favorevoli l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2004².

Bħala parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-ftuħ gradwali ta' xi programmi u aġenziji tal-Unjoni Ewropea għall-pajjiżi sħab tal-PEV hija waħda minn bosta miżuri maħluqa biex jippromwovu r-riforma, il-modernizzazzjoni u t-tranżizzjoni fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea espandiet fuq dan fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Diċembru 2006 dwar l-approċċ ġenerali biex il-pajjiżi sħab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-aġenziji Komunitarji u fil-programmi Komunitarji³.

Il-Kunsill approva dan l-approċċ fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Marzu 2007⁴.

B'segwitu għal din il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2007, il-Kunsill, fit-18 ta' Ġunju 2007, ħareġ direttivi lill-Kummissjoni biex tinneogzja Ftehim Qafas mal-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, l-Eġittu, il-Georgia, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Moldova, il-Marokk, l-Awtorità Palestinjana, it-Tuneżija u l-Ukrajna, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji⁵.

Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2007⁶ afferma mill-ġdid l-importanza suprema tal-PEV u approva r-Rapport ta' Progress tal-Presidenza⁷ li kien ippreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2007 kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill relatati⁸. Dan ir-rapport fakkar id-direttivi tal-Kunsill biex jiġu nneogzjati protokollu addizzjonali rilevanti.

Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni⁹, approvata mill-konklużjonijiet tal-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2011, enfasizzat aktar l-intenzjoni tal-UE li tiffaċilita l-parteeċipazzjoni tal-pajjiżi sħab fil-programmi tal-UE.

Il-politika Ewropea tal-Viċinat riveduta spjegata fl-Aġenda l-ġdida tal-UE għall-Mediterran¹⁰ u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar tas-16 ta'

¹ ĠU L 304, 30.9.2004, p. 39.

² EUCO 79/14.

³ COM(2006) 724 final tal-4 ta' Diċembru 2006.

⁴ Il-konklużjonijiet tal-KAĠRE tal-5 ta' Marzu 2007

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (ristretta) li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tinneogzja l-Protokollu [...], id-Dok. 10412/07

⁶ Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza — Brussell, 21/22 ta' Ġunju 2007, id-Dok. 11177/07.

⁷ Ir-Rapport ta' Progress tal-Presidenza dwar "It-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat", id-Dok. 10874/07.

⁸ Il-konklużjonijiet dwar it-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-18 ta' Ġunju 2007, id-Dok. 11016/07.

⁹ COM(2011) 303 final tal-25 ta' Mejju 2011.

¹⁰ JOIN(2021) 2 final.

April 2021¹¹, tennew l-intenzjoni li jinfetaħ u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-programmi tal-UE għas-Sħab tan-Nofsinhar tal-UE u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fir-Riċerka u l-Innovazzjoni, inkluż permezz ta' assoċjazzjoni mal-Programm Orizzont Ewropa.

Sa issa, ġew iffirmati protokolli simili mal-Alġerija¹², mal-Armenja¹³, mal-Ażerbajġan¹⁴, mal-Georgia¹⁵, mal-Iżrael¹⁶, mal-Ġordan¹⁷, mal-Libanu¹⁸, mal-Moldova¹⁹, mal-Marokk²⁰, mal-Awtorità Palestinjana²¹, mat-Tuneżija²², u mal-Ukrajna²³. F'Ottubru 2021, matul il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu, l-Eġittu esprima l-interess tiegħu li jiffirma Protokoll għal Ftehim Qafas għall-assoċjazzjoni tagħhom ma' Orizzont Ewropa u parteċipazzjoni sħiħa potenzjali fi programmi oħra tal-UE magħżula.

L-objettiv tal-Protokoll huwa li jistabbilixxi r-regoli finanzjarji u tekniċi li jippermettu li r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu tipparteċipa fi programmi tal-UE. Dan il-qafas japplika biss għal dawn il-programmi li għalihom l-atti legali kostituttivi rilevanti jipprovdu l-possibbiltà tal-parteeipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu. Il-qafas orizzontali stabbilit mill-Protokoll jistabbilixxi l-prinċipji għall-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika, il-modalitajiet għall-istabbiliment tal-parteeipazzjoni fi (assoċjazzjoni ma') kwalunkwe programm partikolari tal-Unjoni u l-involviment tal-Eġittu fil-governanza tal-Programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni. Dan jippermetti wkoll li r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu tirċievi assistenza, b'mod partikolari assistenza finanzjarja, mill-Unjoni Ewropea biex tipparteċipa fil-programmi.

Jenħtieġ li t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-parteeipazzjoni tal-Eġittu f'kull programm partikolari tal-Unjoni, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mill-Eġittu kif ukoll il-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, jiġu determinati bi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Il-bażi ġuridika sostantiva għall-iffirmar tal-Protokoll hija l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-bażi ġuridika proċedurali hija l-Artikolu 218(5) tat-TFUE.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-Eġittu għandu jikkontribwixxi finanzjarjament għall-programmi li jipparteċipa fihom u għall-kostijiet relatati ta' ġestjoni, eżekuzzjoni u operazzjoni taħt il-baġit ġenerali tal-Unjoni.

¹¹ https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/news_corner/news/new-agenda-mediterranean-council-approves-conclusions-renewed-partnership-southern_mt

¹² ĠU L 14/2, tat-18.1.2017.

¹³ ĠU L 174/1, tat-13.6.2014.

¹⁴ ĠU L 199/1, tas-26.7.2016.

¹⁵ ĠU L 165/16, tal-4.6.2014.

¹⁶ ĠU L 129/39, tas-17.5.2008.

¹⁷ ĠU L 89/6, tal-25.3.2014.

¹⁸ ĠU L 202/3, tat-28.7.2016.

¹⁹ ĠU L 131/1, tat-18.5.2011.

²⁰ ĠU L 90/1, tat-28.3.2012.

²¹ ĠU L 121, tat-8.3.2021.

²² ĠU L 297/1, tat-13.11.2015.

²³ ĠU L 133/1, tal-20.5.2011.

It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteċipazzjoni tal-Eġittu f'kull programm partikolari tal-Unjoni, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli u l-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, għandhom jiġu determinati bi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-programmi kkonċernati.

Fil-każ li l-Eġittu japplika għall-assistenza esterna tal-Unjoni biex jipparteċipa fi programm tal-Unjoni partikolari abbażi tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ jew skont kwalunkwe Regolament simili li jipprevedi l-assistenza esterna tal-Unjoni lill-Eġittu li jista' jiġi adottat fil-futur, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu mill-Eġittu tal-assistenza esterna tal-Unjoni għandhom jiġu determinati fi ftehim ta' finanzjament.

Kull ftehim konkluż skont l-Artikolu 5 għandu jistipula, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, li l-kontrolli jew l-awdituri finanzjarji jew verifiki oħra, inklużi l-investigazzjonijiet amministrattivi għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u mill-Qorti tal-Awdituri, jew taħt l-awtorità tagħhom.

Għandhom isiru dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kontrolli u l-awditjar finanzjarju, il-miżuri amministrattivi, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, il-penali u l-irkupru li jippermettu li l-Kummissjoni Ewropea, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, l-Uffiċċju ta-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u l-Qorti tal-Awdituri jingħataw setgħat li jkunu ekwivalenti għas-setgħat tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarji jew il-kuntratturi stabbiliti fl-Unjoni.

4. ELEMENTI OĦRA

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u kull tliet snin sussegwenti, iż-żewġ Partijiet jistgħu jirrieżaminaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll abbażi tal-parteċipazzjoni effettiva tal-Eġittu fi programmi tal-Unjoni.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009, ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

²⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fil-programmi tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinneogzja Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fil-programmi tal-Unjoni ("il-Protokoll")²⁶.
- (2) In-negożjati ġew konklużi.
- (3) L-oġettiv tal-Protokoll huwa li jistabbilixxi r-regoli finanzjarji u tekniċi li jippermettu li r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu tipparteċipa f'ċerti programmi tal-UE. Il-qafas orizzontali stabbilit bil-Protokoll jistabbilixxi l-prinċipji għal miżuri ta' kooperazzjoni ekonomiċi, finanzjarji u tekniċi u jippermettu li r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu tirċievi assistenza, b'mod partikolari assistenza finanzjarja, mill-Unjoni Ewropea skont il-programmi.
- (4) Il-qafas stabbilit minn dan il-Protokoll japplika biss għal dawn il-programmi li għalihom l-atti legali kostituttivi rilevanti jipprevedu l-possibbiltà tal-parteeċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu. Għaldaqstant, l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll ma jinvolvux l-eżerċizzju tas-setgħat taħt id-diversi politiki settorjali, li huma eżerċitati meta jiġu stabbiliti l-programmi.
- (5) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jiġi applikat fuq bażi proviżorja sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu,

²⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (ristretta) li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tinneogzja l-Protokolli [...], id-Dok. 10412/07

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fil-programmi tal-Unjoni huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha taħtar il-persuna/persuni biex tiffirma/jiffirmaw il-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat fuq bażi proviżorja, f'konformità mal-Artikolu 10(2) tiegħu, mid-data tal-firma tiegħu, sakemm isiru l-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

Id-data tal-firma tal-Protokoll se jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President